**25 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

## *Cheques* - BICAL

Tabib Victor Captur u Carmela *sive* Ena Captur miżżewġin Captur

*versus*

Av. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici bħala Kontrollur (*Controller*) tal-Bank *Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited* (BICAL) u Henry Pace u Cecil Pace, aħwa Pace, bħala ġà Diretturi fiż-żmien ta' l-operazzjoni hawn taħt imsemmija tal-Bank fuq imsemmi u anke f'isimhom stess

*Il-Qorti kkundannat lill-Bank konvenut jirrifondi ammont ta' flus rapprezentanti* cheques *inkassati bl-imgħax mid-data ta' l-inkass.*

Il-Qorti:-

L-atturi f'din il-kawża qegħdin jallegaw li kienu kkonsenjaw lil Cecil Pace, allura Direttur ta' l-imsemmi Bank, erba' *cheques* maħruġin minn Scicluna's Bank Ltd., tas-6 ta' Lulju, 1972, kull wieħed għall-import ta' £3000 (sterlina);

Li l-istess erba' *cheques* ġew inkassati mill-Bank konvenut, kif jidher mill-istess *cheques*;

Li in kontra kambju, l-atturi kienu rċevew ħames *cheques* ta' £2472 (sterlini) kull wieħed, maħruġa minn Henry Pace, allura Direttur ieħor tal-Bank u avallati mill-istess Cecil Pace;

Li l-konvenut Cecil Pace assigura lill-atturi li kontra l-imsemmija erba' *cheques* kellhom disponibbli għalihom b'Bank Londra l-ammont ekwivalenti li seta' jiġi żbankat permezz taċ-*cheques* mogħtija lill-atturi;

Li l-attur, meta ppreżentaw, permezz ta' Scicluna's Bank Limited, dawn l-erba' *cheques* minnhom riċevuti, ġew infurmati li l-istess *cheques* ma setgħux jiġu msarrfin u kienu fil-fatt *referred to drawer*;

Li l-import ta' l-ewwel imsemmija erba' *cheques* ta' £3000 (sterlina) kull wieħed jinsab debitament reġistrat fil-kotba ta' l-imsemmi Bank konvenut bħala inkassat minnu u/jew akkreditati lilu;

Li l-operazzjoni ta' l-atturi ma' l-imsemmija Pace hija affetta bi frodi da parti ta' l-istess Pace u għalhekk vizzjata u nulla u bla ebda effett legali;

Li, fi kwalunkwe każ, il-Bank konvenut hawn debitur ta' l-atturi fis-somma minnu inkassata u/jew lilu akkreditata kif fuq jingħad, b'dan però li minn din is-somma tiġi mnaqqsa s-somma ta' Lm1000 li l-atturi kienu tħallsu akkont bi flus kontanti mill-imsemmija aħwa Pace;

Billi l-atturi ma tħallsux tal-pretensjoni tagħhom għalhekk kellhom jistitwixxu din il-kawża;

Bin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu tal-21 ta' Frar, 1978, l-

avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, bħala kontrollur u in rappreżentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, eċċepixxa li t-talbiet attriċi, in kwantu *che* diretti kontra l-Bank konvenut, huma nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, peress li fl-operazzjoni *de quo*, il-Bank konvenut ma kienx parti u ebda relazzjoni ma kien hemm bejn l-attur u l-Bank konvenut li ma jidhirx li nkassa jew ġie akkreditat bil-flus *de quo*;

Il-konvenuti Henry u Cecil aħwa Pace eċċepew li t-taħrika ta' l-eċċipjenti fil-kwalità "bħala ġà diretturi fiż-żmien ta' l-operazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni", hija rrita u nulla; li n-negozju bejn l-eċċipjenti (personalment) u l-attriċi kien negozju normali mingħajr ingredjent ta' frodi li t-talba għall-ħlas ma kinitx diretta kontra l-eċċipjenti;

Din il-Qorti ġiet mistiedna biex tiddeċidi din il-kawża fuq ix-xhieda li ta biss l-attur u fuq id-dokumenti esebiti mill-istess. Ebda prova oħra ma tressqet mill-partijiet għad li l-kawża ġiet differita diversi drabi għall-provi. Infatti, ġiet iddiferita matul perijodu ta' xi ħames snin biex il-partijiet iressqu l-provi. Fil-fatt il-posizzjoni bejn il-partijiet hija s-segwenti. L-attur, fiċ-ċitazzjoni, qiegħed iħarrek l-ewwelnett lill-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u dan bħala Kontrollur tal-Bank, Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL). Fit-tieni lok lil Henry Pace u Cecil Pace aħwa Pace bħala ġà Diretturi fiż-żmien ta' l-operazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni u fit-tielet lok lil Henry Pace u Cecil Pace personalment;

Il-konvenuti Henry u Cecil Pace, in linea preliminari eċċepew li t-taħrika kontra Cecil Pace u Henry Pace, fil-kwalità tagħhom "bħala ġà diretturi fiż-żmien l-operazzjoni *de quo*" hija irrita u nulla. Din il-Qorti, fi ftit kliem, qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni għax, kif ġew imħarrka f'din il-kwalità, il-konvenuti

m'għandhom ebda *locus standi in judicitur*, stante li llum hemm il-Kontrollur tal-Bank fuq imsemmi, li jinsab imħarrek fl-istess ċitazzjoni, kif sewwa ġie rrilevat taħt kwalifika mogħtija lil dawn il-konvenuti, ma tistax tpoġġihom f'posizzjoni li b'xi mod ikun qed jirrappreżenta lil xi ħaddieħor jew li xi ente. Għalhekk jibqa' li huma ġew imħarrka biss personalment;

Del resto, il-fatti jirriżultaw mix-xhieda ta' l-attur, kif tinsab ikkorroborata u sostanzjata mid-dokumenti minnu esebiti. Ebda prova kuntrarja ma tressqet minn ħadd li tista' twaqqa' l-versjoni ta' kif ġraw il-fatti kif mogħtija mill-attur. Għalhekk il-fatti kif allegati mill-attur fiċ-ċitazzjoni u kif ikkonfermati mill-istess fix-xhieda tiegħu huma dawk li fuqhom trid toqgħod il-Qorti u teħodhom bħala li hekk ġara kif qal hu. Minn dan jirriżulta li l-Bank konvenut irċeva - billi żbanka u/jew billi ġew akkreditati lilhom is-somma li semma' l-attur fiċ-ċitazzjoni u fix-xhieda tiegħu;

Huwa fatt inkontestat li l-operazzjoni saret tramite l-bank konvenut li fil-fatt irċeva l-flus taċ-*cheques* li kellu l-attur u huwa fatt ukoll li ċ-*cheques* tal-BICAL fuq Williams and Glyn's Bank Limited ma ssarfux mill-atturi li kienu ġew lura kif jallega hu bil-kliem *referred to drawer*. Din il-Qorti m'għandha ebda dubbju li l-attur soffrew vittmi ta' frodi mill-konvenuti, kemm bħala diretturi tal-Bank, kemm personalment. Kwindi jidher li t-talbiet ta' l-atturi għandhom jiġu milqugħa;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u għalhekk tiddikjara u tiddeċidi li l-operazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni li saret bejn l-atturi u l-konvenuti Henry Pace u Cecil Pace hija nulla u bla effett legali billi affetta minn frodi u konsegwentement li fiż-żmien ta' l-operazzjoni kienu diretturi u kellhom rappreżentanza tal-bank konvenut ;

Tiddikjara li s-somma rikavata mill-bank konvenut bħala konsegwenza ta' din l-operazzjoni (wara li tiġi dedotta minnha s-somma ta' Lm1000 imsemmija fiċ-ċitazzjoni, għar-raġunijiet hemm indikati), hija dovuta lill-atturi mill-bank konvenut; u

Għalhekk tikkundanna lill-konvenut Av. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, fil-kwalità tiegħu bħala Kontrollur tal-Bank, Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, iħallas u jirrifondi lill-atturi l-imsemmija somma bl-interessi relattivi kummerċjali mid-data ta' l-inkass;

Bl-ispejjeż.